MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 701/2007

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Valley View Development Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta` Settembru, 2007, in forza ta` liema gie mitlub illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm129.19, rapprezentanti bilanc ta` prezz in konnessjoni ma` client contract number 1007241, fir-rigward tas-servizz moghti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, fix-xhud ta` bejn Marzu, 2006 u Marzu, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 2 ta` Mejju, 2007 u dawk ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` l-istess avviz u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet debitament notifikata b`dan l-avviz, baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat illi fis-seduta ta` llum stess, 14 ta` Jannar, 2008, is-socjeta` attrici pprezentat nota li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi pero` zammet ferm u mpregudikat il-Kap. ta` l-ispejjez.

Gie notat ukoll illi d-dirigenti tas-socjeta` konvenuta msejhin diversi drabi fis-seduta ta` llum baqghu ma dehrux u ghalhekk baqghet ma saret ebda kontestazzjoni fir-rigward ta` dan il-Kap. ukoll.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi fil-waqt illi qed jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tat-talba attrici fil-mertu, in vista tan-nota ta` cessjoni pprezentata illum stess, qieghed jilqa` l-istess talba attrici fir-rigward tal-Kap. ta` l-ispejjez u konsegwentament ghalhekk qed jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba fl-avviz in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------